BirdLife Malta tilqa' t-tieni twissija tal-Kummissjoni Ewropea kontra d-deroga falza ta’ Malta dwar ir-riċerka fuq l-għasafar tal-għana

L-opinjoni motivata tal-Kummissjoni tikkonferma li l-insib rikreattiv mhux xjenza, filwaqt li BirdLife Malta tisfida lill-FKNK biex tippreżenta l-evidenza xjentifika li tgħid li qed tiġbor

BirdLife Malta laqgħet id-deċiżjoni li ħadet il-Kummissjoni Ewropea nhar il-Ħamis li toħroġ opinjoni motivata kontra Malta għax qed tkompli tawtorizza l-insib tal-għasafar tal-għana bl-iskuża ta’ riċerka xjentifika. Għalkemm dan il-pass wasal aktar tard milli xtaqna, la huwa sorprendenti u lanqas mhux mistenni. Dan jikkonferma dak li BirdLife Malta ilha tiddokumenta għal snin sħaħ: l-hekk imsejħa deroga ta’ Malta għar-riċerka fuq l-għasafar tal-għana mhix għajr insib rikreattiv taparsi xjenza.

Fl-opinjoni motivata tagħha tad-19 ta' Novembru 2026, il-Kummissjoni ssostni li d-deroga ta' Malta m’għandhiex skop ġenwin ta' riċerka, iżda tippermetti li jkompli l-insib rikreattiv. Din it-twissija hija t-tieni twissija wara dik li ntbagħtet f’Novembru 2025, meta wissiet b’mod ċar lill-Gvern Malti li d-deroga għar-riċerka fuq l-għasafar tal-għana mhux biss tmur kontra d-Direttiva tal-Għasafar, iżda wkoll kontra żewġ sentenzi tal-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja tal-2018 u tal-2024.

Il-Kummissjoni temfasizza wkoll li Malta naqset milli turi li ma jeżistux soluzzjonijiet sodisfaċenti oħra, u li l-emendi leġislattivi tal-2025 dgħajfu d-dispożizzjonijiet dwar l-infurzar u naqqsu l-involviment ta' esperti kwalifikati fil-bird-ringing. Dawn huma nuqqasijiet fundamentali, mhux sempliċiment dettalji tekniċi.

Minkejja li l-proċeduri ta’ ksur kienu waslu biex jeskalaw, il-Gvern Malti xorta ddeċieda li din is-sena jerġa’ jiftaħ staġun taparsi riċerka fuq l-għasafar tal-għana. B’hekk kompla jaggrava n-nuqqasijiet fundamentali fl-infurzar billi

ppermetta żieda fl-għadd ta’ nassaba liċenzjati u, konsegwentament, żieda fl-għadd ta’ mnasab.

Fl-2026, l-imnasab għall-għasafar tal-għana żdiedu għal total ta’ 3,688, meta mqabbel mal-2,932 mansab li kienu permessi fl-2025. Din iż-żieda hija riżultat ta’ aktar nassaba liċenzjati biex jaqbdu l-għasafar tal-għana. Għat-tieni darba, iż-żieda fil-liċenzji tal-insib kisret il-moratorju fuq il-ħruġ ta’ liċenzji ġodda għall-insib, li kien ġie miftiehem mal-Kummissjoni Ewropea bħala parti mit-Trattat tal-Adeżjoni ta’ Malta mal-UE. Riżultat ta’ dan, l-insib min-nassaba Maltin għall-għasafar tal-għana li qed ipassu waqt il-ħarifa din is-sena, żdied b’aktar minn 25%, u dan qed iwassal għal aktar mortalità fost dawn l-ispeċi protetti.

BirdLife Malta tinnota wkoll l-aħħar stqarrija tal-Federazzjoni Kaċċaturi Nassaba Konservazzjonisti (FKNK), li fiha tistaqsi x'jista' jimmotiva lill-Kummissjoni biex tikkontesta dik li l-FKNK issejjaħ riċerka xjentifika jew citizen science. It-tweġiba hija sempliċi: din mhix riċerka xjentifika ġenwina. Citizen science jista' jagħti kontribut importanti meta jkun ibbażat fuq metodoloġija kredibbli u jipproduċi riżultati affidabbli. Il-fatt waħdu, li attività tinvolvi l-parteċipazzjoni ta’ eluf ta' persuni, ma jagħmilhiex awtomatikament xjentifika.

Jekk l-FKNK temmen li staġuni konsekuttivi ta' nsib tal-għasafar tal-għana jikkostitwixxu riċerka, nisfidaw lilha u lill-awtoritajiet biex jippubblikaw ir-riżultati. Fejn huma s-sejbiet u l-għarfien li nġabar? Tal-inqas għandhom jippubblikaw id-dejta miġbura, sommarju ċar tas-sejbiet ewlenin, il-metodoloġija użata u l-konklużjonijiet li waslu għalihom. Wara snin ta' nsib, il-pubbliku jistħoqqlu tweġibiet, mhux biss dikjarazzjonijiet ripetuti li qed issir riċerka.

Id-deroga tal-2026 tawtorizza l-insib għal 62 jum, mill-20 ta' Ottubru sal-20 ta' Diċembru, fuq 3,688 mansab irreġistrat. Anke kieku nġabret kwantità kbira ta' dejta, dan waħdu ma jiġġustifikax attività illegali jew sproporzjonata. L-istress u t-tfixkil ikkawżati lill-għasafar selvaġġi, l-impatt fuq il-ħabitats u l-okkupazzjoni ta' meded kbar ta’ kampanja ma jistgħux jiġu injorati. In-nies għandhom ikunu liberi jgawdu mixjiet fil-kampanja u japprezzaw in-natura mingħajr ma din l-esperjenza tiġi mxekkla minn insib mifrux. Il-kampanja tagħna hija ta' kulħadd, mhux tan-nassaba biss.

BirdLife Malta ddokumentat ripetutament abbużi li saru taħt l-hekk imsejħa deroga ta’ riċerka. Dawn jinkludu t-traffikar illegali tal-għasafar tal-għana mill-Italja biex jintużaw bħala lixka għall-għasafar selvaġġi u jattirawhom lejn il-mansab, xbieki li jitħallew waħedhom mingħajr sorveljanza u, agħar minn hekk, għasafar tal-għana li jinqabdu u jinżammu minflok jinħelsu kif mitlub. L-

investigazzjonijiet tagħna fuq il-post urew għasafar li nqabdu u nżammu għall-pjaċir personali minflok inħelsu wara l-allegat ġbir ta' informazzjoni xjentifika. Dawn l-abbużi ġew irrappurtati lill-awtoritajiet u lill-Kummissjoni Ewropea matul staġuni konsekuttivi.

Ir-realtà fil-kampanja ftit li xejn tixbah riċerka xjentifika mwettqa taħt sorveljanza serja. Minflok, id-deroga toħloq opportunitajiet biex l-insib rikreattiv ikompli taparsi qed issir xi riċerka xjentifika. Il-Kummissjoni Ewropea għarfet dan l-ingann. Ir-referenzi tal-FKNK għal tradizzjonijiet f'pajjiżi oħra Ewropej ma jwieġbux għall-oġġezzjonijiet legali u xjentifiċi dwar l-arranġamenti ta' Malta: il-wirt kulturali ma jistax ibiddel l-insib rikreattiv f'riċerka, u lanqas jiġġustifika ksur tad-Direttiva dwar l-Għasafar.

Malta diġà nstabet ħatja li kisret id-Direttiva tal-Għasafar f'żewġ okkażjonijiet. Il-Gvern għandu jieqaf ikompli jtawwal din it-tilwima, jaħli r-riżorsi pubbliċi u jirriskja aktar proċeduri legali biex jakkomoda l-lobby tal-insib. BirdLife Malta qed tappella biex id-deroga għall-insib għall-għasafar tal-għana tiġi rtirata minnufih u biex Malta ssir konformi mal-liġi tal-UE. Jekk Malta tonqos milli tindirizza n-nuqqasijiet fi żmien ix-xahrejn mogħtija, il-Kummissjoni Ewropea għandha tieħu l-passi legali meħtieġa.

TMIEM

Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:
Antonia Micallef
Public Engagement Executive, BirdLife Malta
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Mob: +356 9986 1436
Email: antonia.micallef@birdlifemalta.org

Ħoloq utli:

1. BirdLife-Malta-tikkundanna-d-decizjoni-tal-Gvern-li-jerga-jiftah-l-applikazzjonijiet-ghal-licenzji-godda-tal-insib.pdf
2. BirdLife-Malta-tilqa-l-azzjoni-gdida-tal-Kummissjoni-Ewropea.pdf
3. Stqarrija_Il-Kummissjoni-Ewropea-tikkonferma-li-d-deroga-ta-Malta-ghall-insib-tal-ghasafar-tal-ghana-mhix-skont-il-verdett-tal-Qorti-Ewropea-tal-Gustizzja.pdf
4. Malta-tikser-il-ligi-tal-UE-u-s-sentenzi-tal-Qorti-Ewropea-billi-terga-tiftah-stagun-illegali-tal-insib-tal-ghasafar.pdf
5. BirdLife-Malta-tikkundanna-lil-Robert-Abela-talli-qed-ipingi-l-insib-bhala-progett-xjentifiku-ta-bird-ringing.pdf
6. BLM-titlob-lill-UE-twaqqaf-immedjatament-l-istagun-tal-insib-tal-ghasafar-tal-ghana.pdf